# L-Innu Malti

Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem Int ħarist;
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti, kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l-ħaddiem;
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

# Warda

Warda ħamra, bellusija
xhur kien ili nistenniek:
"Meta tasal dik il-warda?"
kont nistaqsi, fuq ix-xwiek.

Wasalt fl-aħħar, warda ħelwa,
u bi ġmielek jien tgħaxxaqt;
int ħallastni b'daħka waħda
ta' kemm tlabt u ta' kemm xtaqt.

# Nar tat-Tiben?

L-imħabba tal-ilsien Malti
mhix kbira daqskemm tidher;
timla ta' elf il-fomm,
imma ta' għaxra s-sider.

L-imħabba tal-ilsien tagħna
jeħtieġ tiġi minn ġewwa,
jekk irridu, kif jixraq,
inkunu Maltin sewwa.

# Kewkba

Kemm ilek tiġġerra fil-beraħ
tas-sema, ja kewkba? Xi mkien
qatt ħareġ minn ġensna min feraħ
għax kixef ta' ħajtek iż-żmien?

Maħruba, ħafifa bħal vleġġa,
int tiġri u ma tieqaf imkien:
kif mela rak l-eqdem Eġittu
fejn qiegħed illum narak jien?

U tħares u tiddi ġo ħarsti,
'mma ħarsti tintilef fil-bogħod ...
Ja kewkba, ja kewkba, quddiemek
il-qawwa ta' ħsiebi tirtogħ'd.

# Għaliex?

**Jedd l-Ilsien Malti**

Għaliex tarmih l-ilsien li tatek ommok,
U titlef għaqlek wara lsien barrani?
Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok,
U bil-Malti tkellimt tifel daħkani.

U kiber miegħek dak l-ilsien ewlieni,
U ġmielu ntiseġ mal-ġrajjiet ta' ħajtek:
Bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,
Bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.

Għaliex immela tiċħad, Malti ħija,
Lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?
Hobb, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija,
Iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.